MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## VERONICA GALEA DEBONO

Seduta tas-7 ta' Ottubru, 2008

Talba Numru. 577/2006

Victor Camilleri (Id. 581757M)

Vs

Magri & Zammit Operations Limited.

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu l-attur talab illi s-socjeta' konvenuta tigi kkundannata thallas is-somma ta' tmien mija u tlieta u sebghin lira Maltin u ghoxrin centezmu (Lm873.20) rapprezentanti drittijiet ghal servizzi rezi mill-attur lis-socjeta' konvenuta. Bl-ispejjes u bl-interessi kontra s-socjeta' konvenuta ngunta ghas-subizzjoni.

Ra r-Risposta tas-socjeta' konvenuta li eccepiet illi i. preliminarjament l-attur irid jipprova dak li qed jallega fit-talba tieghu; ii. illi di piu u minghajr pregudizzju ghas-

suespost, s-socjeta’ konvenuta ma thoss li ghandha xi obbligu li thallas lill-attur dak mitlub minnu ghal servizzi professjonali li ma kienux rezi lilha skond ma titlob is-sengha w l-arti; iii. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Sema’ x-xhieda tal-attur Victor Camilleri.

Sema’ x-xhieda ta’ Anthony Magri prodott mis-socjeta’ konvenuta.

Sema’ x-xhieda ta’ Noel Magri prodott mis-socjeta’ konvenuta.

Sema’ x-xhieda ta’ Stephen Magri prodott mill-attur.

Ra l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti kollha esebiti.

Sema’ t-trattazzjoni tal-avukati difensuri tal-partijiet.

**Ikkunsidra.**

Illi l-attur, li l-professjoni tieghu hija dik ta’ awditur, xehed illi kien ilu diversi snin jaghmel xoghol ta’ *audit* u ta’ konsulenza ghas-socjeta’ konvenuta. Din il-kumpanija hija mmexxija minn tlett diretturi ahwa, u cioe, Stephen Magri, Noel Magri u Antyhony Magri. L-istess tlett ahwa huma wkoll diretturi tal-kumpaniji Magri & Zammit Retail Limited u Magri & Zammit Holdings Limited, u l-attur kien jaghmel xoghol ghal dawn iz-zewg kumpaniji l-ohra wkoll.

L-attur esebixxa l-invoices relattivi li a bazi taghhom qed issir it-talba ghall-hlas da parti tieghu, u spjega li dawn l-invoices jikkoncernaw biss servizzi rezi lis-socjeta’ konvenuta, kif ukoll li dawn l-invoices ma kienux thallsu mis-socjeta’ konvenuta. Huwa kkonferma illi x-xoghol kollu msemmi f’dawn l-invoices gie ezegwit minnu. Skond l-attur dawn l-invoices ma thallsux peress illi nqala disgwid bejn id-diretturi stess u minhabba f’hekk l-ebda wiehed minnhom ma kien qieghed jaqbel ma l-iehor, tant hu hekk illi qatt ma kien hemm zewg diretturi flimkien li kienu lesti li jiffirmaw ic-cekkijiet tal-hlas, kif bilfors kellu jsir. Alavolja

kienu saru xi laqghat fejn gie diskuss il-hlas tal-attur ghas-servizzi rezi minnu, dan qatt ma sehh. L-invoices in kwistjoni kienu jikkoncernaw principalment xoghol konness mas-sena 2003.

L-attur spjega wkoll illi l-allegazzjoni tas-socjeta’ konvenuta illi x-xoghol tieghu ma kienx sar skond is-sengha w l-arti, hija bla bazi ghaliex l-invoices in kwistjoni jikkoncernaw biss xoghol li sar ghas-socjeta’ konvenuta, mentri dan l-ilment kien biss fir-rigward tal-‘*management accounts*’ tal-partnership Magri & Zammit. Dawn il-*management accounts* kienu saru mill-attur fuq talba tad-diretturi stess, bhala pjacir u minghajr hlas, u kienu saru a bazi ta’ informazzjoni li kienet giet mghoddija lilu minn impjegat li kien jiehu hsieb l-accounts tal-partnership. L-attur emfasizza diversi drabi fix-xhieda tieghu illi huwa qatt ma kien responsabbli ghall-*accounts* u l-*audit* ta’ dan il-*partnership*, u li kien biss ipprepara l-*accounts* a bazi ta’ l-informazzjoni mghoddija lilu, liema informazzjoni rrizulta li kienet zbaljata, jew inkompleta. Sussegwentement, hekk kif dan l-izball gie skopert, l-accounts gew emendati mill-attur. L-izball in kwistjoni pero, bl-ebda mod ma affettwa kemm is-servizzi rezi lis-socjeta’ konvenuta, kif ukoll l-invoices ghal tali servizzi, u ghalhekk ma hemm l-ebda raguni ghalfejn dawn l-invoices m’ghandhomx jithallsu.

Illi minn-naha tieghu, x-xhud Anthony Magri, direttur tas-socjeta’ konvenuta, spjega illi l-*accounts* pprezentati mill-attur ghas-sena 2003 kellhom diskrepanzi jew zbalji sostanzjali, tant hu hekk li ma setghux jigu approvati, u ghalhekk ma thallsux. Aktar tard mbaghad fix-xhieda tieghu, hareg car illi dawn l-*accounts* partikolari li kien fihom l-allegati zbalji, kienu jikkoncernaw il-*partnership* Magri & Zammit, u mhux is-socjeta’ konvenuta. Huwa kkonferma wkoll illi dawn l-*accounts* gew ippreparati a bazi ta’ informazzjoni li nghatat lill-attur mill-impjegat Noel Scerri.

Ix-xhud Noel Magri, wkoll direttur tas-socjeta’ konvenuta, in sustanza kkonferma dak li qal i-xhud Anthony Magri, u kkonferma wkoll illi kellhom jitqabbdu Deloitte & Touche

sabiex jirrevedu s-sitwazzjoni tal-*accounts* taghhom wara li nqalghet din il-kwistjoni ma l-attur.

Minn-naha tieghu, mbaghad, ix-xhud Stephen Magri, li wkoll huwa direttur tas-socjeta’ konvenuta, xehed illi x-xoghol kollu indikat fl-invoices pprezentati mill-attur sar, u li dawn ma thallsux peress illi d-diretturi l-ohra kienu qedin joggezzjonaw illi jhallsu. Huwa kkonferma illi l-allegati zbalji fl-*accounts* kienu zbalji fl-*accounts* tal-partnership Magri & Zammit u mhux fl-accounts tas-socjeta’ konvenuta, u li ghalhekk ma kellhom xejn x’jaqsmu mal-kontijiet mertu tal-kawza odjerna. In oltre huwa kkonferma illi l-VAT fuq dawn l-invoices kien diga’ gie ‘*claimed back*’ fil-VAT return tas-socjeta’ konvenuta alavolja l-invoices ma kienux thallsu, u li ghalhekk is-socjeta’ konvenuta qed titlob *refund* ghall-VAT li effettivament ghadu ma thallasx minnha.

Huwa kompla biex spjega ill l-*accounts* tal-*partnership* ma kienux responsabbilta’ tal-attur, u li l-izbalji kontenuti f’dawn l-*accounts* ma kienux tort tieghu. L-attur kien jiehu hsieb biss l-*accounts* tat-tlett kumpaniji u mhux tal-*partnership*. Fil-fatt, dawn l-*accounts* kienu gew ippreparati mill-accountant Noel Scerri u mhux mill-attur. L-attur ma kienx ghamel audit ta’ l-istess.

Illi t-Tribunal, wara li ha konjizzjoni tal-provi kollha, wasal ghas-segwenti konkluzzjonijiet. Fl-ewwel lok, jidher car illi l-invoices ipprezentati mill-attur u li fuqhom qed issir il-kawza odjerna, jikkoncernaw biss servizzi li gew rezi lis-socjeta’ konvenuta mill-attur, u mhux xi xoghol jew servizzi ohra li b’xi mod jikkoncernaw il-kumpaniji l-ohra jew il-partnership Magri & Zammit. Dan ix-xoghol u s-servizzi kollha gew ezegwiti mill-attur, izda l-invoices baqghu ma thallsux.

Illi l-allegati zbalji jew diskrepanzi li fuqhom qedin jilmentaw zewg diretturi tas-socjeta’ konvenuta nholqu minhabba informazzjoni zbaljata li nghatat lill-attur, u mhux minhabba xi nuqqasijiet da parti tieghu. In oltre, dawn l-allegati zbalji se mai jaffettwaw biss l-accounts tal-*partnership* Magri & Zammit, u mhux dawk tas-socjeta’

konvenuta, u ghalhekk ma hemm l-ebda raguni valida ghaliex dawn l-invoices m'ghandhomx jithallsu.

Illi fl-ahharnett, jirrizulta illi l-VAT indikat fl-invoices tal-attur kien diga gie '*claimed back'* mis-socjeta' konvenuta fil-VAT returns taghha. Dan effettivament juri illi s-socjeta' konvenuta kienet qed tirrikonoxxi l-fatt illi x-xoghol sar, tant hu hekk illi ppretendiet li tiehu lura l-VAT fuq id-drittijiet ta' l-attur alavolja lanqas biss kienet hallset l-invoices tieghu.

Ghal dawn il-motivi, t-Tribunal jaqta u jiddeciedi billi filwaqt li jichad l-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta, jilqa t-talba tal-attur u jikkundanna s-socjeta' konvenuta thallas lill-attur is-somma ta' elfejn u erba u tletin Ewro (€2034.00), ekwivalenti ghal Lm873.20, bl-imghaxijiet kif mitluba fl-Avviz. L-ispejjes kollha tal-kawza ghandhom jigu ssopportati mis-socjeta' konvenuta.

**Avv. Veronica Galea Debono**
**Gudikant.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------